



Brussell, 24 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13429/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0361(NLE)**

**ACP 105
FIN 821
PTOM 35**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Hídma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13147/18 + ADD 1 - COM(2017) 688 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż il-limitu massimu għall-2020, l-ammont annwali għall-2019, l-ewwel h́las parzjali għall-2019 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2021 u 2022 - Adozzjoni

1. Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) b'rabta ma':
 - il-limitu massimu tal-kontribuzzjoni għall-2020,
 - l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għall-2019,
 - l-ammont tal-ewwel h́las parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2019 (li għandu jitħallas mill-Istati Membri qabel il-21 ta' Jannar 2019),
 - it-tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija għas-snin 2021 u 2022.

Din il-proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-ħdax-il FEŻ¹, tistabbilixxi l-limitu massimu tal-ammont annwali għall-2020 ta' EUR 4 600 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 300 000 000 għall-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI); l-ammont annwali ta' kontribuzzjonijiet għall-2019 ta' EUR 4 400 000 000 għall-Kummissjoni, u ta' EUR 300 000 000 għall-BEI; u l-ewwel ħlas parzjali għall-2019 ta' EUR 2 000 000 000 għall-Kummissjoni, u ta' EUR 100 000 000 għall-BEI.

2. Il-kontribuzzjonijiet għall-FEŻ għall-2019 ser jikkonsistu minn fondi li ġejjin mill-11-il FEŻ (li jikkontribwixxu għalih 28 Stat Membru) għall-Kummissjoni, u mill-10 FEŻ (li jikkontribwixxu għalih 27 Stat Membru) għall-BEI.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta tal-Kummissjoni u qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fit-18 ta' Ottubru 2018.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu:
 - jadotta d-Deċiżjoni, kif tinsab fid-dokument 13344/18, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti, filwaqt li jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata prevista fl-Artikolu 8 tal-Ftehim Intern applikabbli għall-11-il FEŻ²;
 - jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

¹ ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17.

² ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.